**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

**Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Seduta ta' nhar il-Erbgha 13 ta' Marzu 2002

Citazzjoni numru 1038/98 AJM

Kawza numru 2

George Xuereb u Raymond Callus

Vs

Alfred Briffa bhala Editur tal-Gazzetta it-Torca

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fil-15 ta' Mejju 1998 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew illi l-konvenut huwa responsabbli fil-kwalita' tieghu ndikata ghal gazzetta bl-isem ta' It-Torca stampata u pubblikata f'Malta u specifikatament ghall-pubblikazzjoni tar-rapportagg stampat fil-pagna numru erbgha (4) taht it-titolu "Films pornografici fil-Habbs ta' Kordin" fil-harga ta' nhar il-Hadd 3 ta' Mejju 1998 tal-imsemmija gazzetta estratt ta' liema huwa anness; illi l-fuq imsemmi rapportagg jikkostitwixxi fil-konfront tal-atturi malafama li l-ghan tieghu huwa li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tal-istess atturi fis-sens tal-artikolu tmienja u ghoxrin tal-kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta; illi ghalhekk l-atturi

ghandhom id-dritt jadixxu dina l-Qorti ghall-ghotja tas-somma likwidata skond l-artikolu 28 Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta; talbu li din il-Qorti:-

1. tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghal fuq imsemmija gazzetta stampata u ppubblikata f'Malta u partikolarment ghar-rapportagg fuq imsemmi tal-istess gazzetta;
2. tiddikjara illi l-fuq imsemmi rapportagg stampat u ppubblikat jikkostitwixxi fil-konfront tal-atturi malafama fis-sens tal-artikolu 28 Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. tillikwida dik is-somma dovuta lill-atturi minhabba l-istess malafama u dana skond il-provedimenti tal-artikolu citat;
4. tikkundannah sabiex ihallas lill-atturi s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjes u bl-interessi legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta' dan l-att sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li minn issa qed jigi ngunt biex jidher personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokument ezebit mill-atturi.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fis-26 ta' Jannar 1999 li permezz taghha eccepixxa illi l-atturi la huma identifikabbli u anqas identifikati mill-"average reader".

Rat il-verbal tal-udjenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-24 ta' Novembru 1999 meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tal-14 ta' April 2000 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tas-26 ta' Frar 2001 meta l-konvenut accetta li huwa kien l-editur tal-gazzetta fil-pubblikazzjoni in kwistjoni.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet tal-kontendenti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-24 ta' Ottubru 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Fid-data tal-istampat in kwistjoni l-atturi, flimkien ma persuni ohra, kienu jinsabu prigunieri fid-Divizjoni 8 tal-Habs ta' Kordin. L-artikolu li minnu qeghdin jillamentaw l-atturi jirraporta, fost affarijiet ohra, li fil-granet qabel it-3 ta' Mejju 1998 fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u senjatament f'Divizjoni 8 u fil-"bakery tal-habs" kienu gew murija videos pornografici li kienu gew introdotti fil-habs minn familjari tal-prigunieri. L-atturi cahdu din l-allegazzjoni u l-istess ghamlu membri tal-familji taghhom.

Issa l-artikolu li jitkellem dwar dan l-incident la jsemmi l-persuni li setghu ppartecipaw biex iddahhlu dawn il-videos fil-habs u lanqas ma jsemmi l-persuni li hadet sehem waqt il-wirja tal-istess films. Biex jkun hemm malafama huwa necessarju li jew l-persuna hekk malafamata tkun imsejha b'isimha jew ghal anqas din tkun identifikabbli mill-pubbliku in generali. Il-fatt, kif qed jghid l-atturi, li kienu biss erbgha persuni rikoverati fid-divizjoni 8 fejn l-allegat filmat gie muri, mhux bizzejjed biex l-atturi jkunu hekk identifikati. Il-pubbliku in generali ossia "the ordinary man in the street" ma jkunx jaf minn huwa mizmum fid-divizjoni 8 u lanqas ma jinteressa ruhu biex jikixxef, jekk dan huwa possibbli, dan il-fatt.

Illi fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tarax li dak li hemm riportat fil-gazzetta imsemmija jista' b'xi mod jigi attribwit lill-atturi u li konsegwentement ma jistghux jallegaw malafama fil-konfront taghhom.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-atturi.

Onor Imhallef Albert J. Magri